

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija għas-sena finanzjarja 2014 flimkien mar-risposta tal-Aġenzija

(2015/C 409/02)

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija", magħrufa wkoll bħala l-"ACER"), li tinsab fl-Ljubljana, inħolqot bir-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾. Il-kompitu prinċipali tal-Aġenzija huwa li tgħin lill-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali fl-eżerċizzju, fil-livell tal-Unjoni, tal-kompiti regolatorji li huma jwettqu fl-Istati Membri u, fejn ikun meħtieġ, li tikkoordina l-azzjonijiet tagħhom. Skont ir-Regolament REMIT⁽²⁾, l-Aġenzija ngħatawla responsabbiltajiet addizzjonali ġodda, flimkien mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, fir-rigward tal-monitoraġġ tas-suq Ewropew tal-enerġija bl-ingrossa⁽³⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll tal-Aġenzija. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

- (a) il-kontijiet annwali tal-Aġenzija, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁽⁴⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁽⁵⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi⁽⁶⁾:

- (a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-baży tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni⁽⁷⁾; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Aġenzija wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun hejjehom fuq il-baży tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fiha huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija fl-aspetti materjali kollha.
- (b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi superviżjoni adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

⁽¹⁾ ĠU L 211, 14.8.2009, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 1), li jagħti rwol importanti lill-Aġenzija fis-superviżjoni tan-negozjar fis-swieq tal-enerġija bl-ingrossa madwar l-Ewropa.

⁽³⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Aġenzija. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u r-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁵⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁶⁾ L-Artikoli 39 u 50 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 (ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42).

⁽⁷⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni huma dderivati mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽⁸⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolvi t-tweqqif ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi, u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet. Fit-tħejjija ta' dan ir-rapport u d-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni, il-Qorti qieset ix-xogħol tal-awditjar li l-awditur indipendenti estern wettaq fuq il-kontijiet tal-Aġenzija kif stipulat fl-Artikolu 208(4) tar-Regolament Finanzjarju tal-UE⁽⁹⁾.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2014 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjonijiet tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA

11. L-Aġenzija rriportat EUR 1,57 miljun, jiġifieri 62 %, tal-appropriazzjonijiet impenjati għan-nefqa operazzjonali tat-Titolu III (2013: EUR 3,1 miljun, jiġifieri 91 %). Dawn ir-riporti kienu prinċipalment relatati mal-implimentazzjoni tar-REMIT, attività operazzjonali pluriennali kumplessa li għaliha r-Regolament ta' Implimentazzjoni ġie adottat biss fis-17 ta' Diċembru 2014⁽¹⁰⁾. L-Aġenzija rriportat ukoll EUR 0,98 miljun, jiġifieri 41 % (2013: EUR 1,9 miljun, jiġifieri 56 %), tal-appropriazzjonijiet impenjati għan-nefqa amministrattiva tat-Titolu II, prinċipalment relatati ma' studji għall-implimentazzjoni tar-REMIT u ma' kuntratti annwali mġedda lejn tmiem is-sena.

12. F'Ottubru 2013, permezz ta' emenda tal-baġit, l-Aġenzija rċeviet EUR 3 miljun oħra f'appropriazzjonijiet biex timplimenta r-REMIT, li hija rriportat għall-2014. Madankollu, skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni l-qafas REMIT isir operazzjonali biss f'Ottubru 2015. Parti mill-fondi ntnefqu fl-2014 fuq it-tħejjija għall-implimentazzjoni tar-REMIT. Fi tmiem l-2014, l-Aġenzija għamlet żewġ pagamenti ta' prefinanzjament li kienu jammontaw għal EUR 1,56 miljun għal kuntratti dwar servizzi relatati mar-REMIT li għandhom jiġu pprovduti fil-perjodu 2015 sa 2017, u b'hekk ġie evitat redditu awtomatiku lill-Kummissjoni tal-fondi mhux użati⁽¹¹⁾. Għalkemm dan se jippermetti li l-Aġenzija tiffinanzja l-attivitàjiet futuri tagħha relatati mar-REMIT, dan huwa f'kontradizzjoni mal-prinċipju baġitarju tal-annwalità.

⁽⁸⁾ L-Artikolu 107 tar-Regolament (UE) Nru 1271/2013.

⁽⁹⁾ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 298, 26.10.2010, p. 1).

⁽¹⁰⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1348/2014 (ĠU L 363, 18.12.2014, p. 121).

⁽¹¹⁾ L-Artikolu 13 tar-Regolament Finanzjarju tal-UE jistipula li l-ammonti jstgħu jiġu rriportati għal sena finanzjarja waħda biss.

KUMMENTI OĦRA

13. Skont il-Ftehim dwar is-Sede bejn l-Aġenzija u l-Gvern Sloven, għandha tiġi stabbilita Skola Ewropea fis-Slovenja. Madankollu, aktar minn erba' snin wara l-ftehim ma twaqqfet ebda Skola Ewropea.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SNIN PREĊEDENTI

14. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttehdju b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-snin preċedenti tingħata fl-Anness I.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Milan Martin CVIKL, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-8 ta' Settembru 2015.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-snin preċedenti

Sena	Kumment tal-Qorti	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata/Għadha għaddejja/ Pendenti/M/A)
2012	L-Aġenzija kellha EUR 4,2 miljun fi flus kontanti fl-aħħar tas-sena, inkluż il-bilanċ favorevoli fil-baġit tal-2011 ta' EUR 1,6 miljun li rriżulta minn sejħa eċċessiva għall-fondi fl-2011 u li ġie rkuprat mill-Kummissjoni f'Jannar 2013. Dan mhuwiex konsistenti mal-immaniġġjar rigoruż ta' flus.	Ikkompletata
2012	Il-proċeduri ta' reklutaġġ awditjati żvelaw nuqqasijiet li jaffettwaw it-trasparenza u trattament indaqs tal-kandidati: il-mistoqsijiet għal intervisti u testijiet ma ġewx stabbiliti qabel ma ġew eżaminati l-applikazzjonijiet. Il-kundizzjonijiet għall-ammissjoni għal testijiet bil-miktub u intervisti u għall-inklużjoni fil-lista ta' kandidati adatti ma kinux speċifikati biżżejjed fid-dettall, u l-miżuri meħuda biex tiġi żgurata l-anonimità tal-kandidati li kienu qed jagħmlu t-testijiet bil-miktub kienu inadegwati.	Ikkompletata
2013	L-Aġenzija rriportat EUR 1,9 miljun jew 56 % tat-total tal-appropriazzjonijiet impenjati taħt it-Titolu II (Bini tal-Aġenzija u spejjeż assoċjati), prinċipalment relatati mal-implimentazzjoni tar-Regolament REMIT. Din hija attività operazzjonali u pluriennali, u kien imissha ġiet ibbaġitjata taħt it-Titolu III, nuqqas li kien rettifikat f'appropriazzjonijiet ta' impenn sussegwenti.	Ikkompletata
2013	Barra minn hekk, l-Aġenzija rriportat EUR 3,1 miljun jew 91 % tat-total tal-appropriazzjonijiet impenjati taħt it-Titolu III, ukoll relatati mal-implimentazzjoni tar-Regolament REMIT. Ir-rata eċċezzjonalment għolja ta' riporti għat-Titolu III hija prinċipalment dovuta għal xi EUR 3 miljun f'finanzjament addizzjonali riċevut permezz ta' baġit emendat li ġie approvat fil-31 ta' Ottubru 2013.	M/A
2013	L-Aġenzija kellha EUR 5,5 miljun fi flus kontanti fi tmiem is-sena, li kienu jinkludu madwar EUR 3 miljun relatati mal-emenda tardiva tal-baġit. Madankollu, il-bilanċi medji tal-flus kontanti matul is-sena kienu sinifikattivament oġhla milli kien iġġustifikat mir-rekwiżiti operazzjonali.	Ikkompletata

ANNEX II

L-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (Ljubljana)

Kompetenzi u attivitajiet

<p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni li jdderivaw mit-Trattat</p> <p>(L-Artikolu 114 (l-ex Artikolu 95 TKE) u l-Artikolu 194 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p>	<p>Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, għandhom jadottaw il-miżuri għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati bil-liġi, b'regolamenti jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri li għandhom bħala l-għan tagħhom l-istabbiliment u l-operazzjoni (funzjonament) tas-suq intern.</p> <p>Fil-kuntest tal-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern u b'kont meħud tal-ħtieġa ta' preservazzjoni u titjib tal-ambjent, il-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġija għandha timmira li, fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri:</p> <p>(a) tassigura l-funzjonament tas-suq tal-enerġija;</p> <p>(b) tassigura s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni;</p> <p>(c) tippromwovi l-effiċjenza fl-enerġija u l-iffrankar fl-użu tal-enerġija kif ukoll l-iżvilupp ta' forom ta' enerġija ġodda u rinnovabbli; u</p> <p>(d) tippromwovi l-interkonnessioni ta' netwerks tal-enerġija.</p> <p>Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja, għandhom jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa għall-kisba (ilħuq) ta' dawn l-oġġettivi. Dawn il-miżuri għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u mal-Kumitat tar-Reġjuni.</p>
<p>Kompetenzi tal-Aġenzija</p> <p>(Kif speċifikati fir-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill; ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 838/2010; ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)</p> <p>Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009</p>	<p>Oġġettivi</p> <p>L-għan tal-Aġenzija hu li tgħin lill-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali fl-eżerċizzju, fil-livell tal-Unjoni, tal-kompiti regolatorji li huma jwettqu fl-Istati Membri u, fejn ikun meħtieġ, li tikkoordina l-azzjoni tagħhom.</p> <p>Kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — Tikkomplementa u tikkoordina x-xogħol tal-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali, — tipparteċipa fil-ħolqien ta' regoli dwar in-netwerks Ewropej, — tieħu, taħt ċerti kundizzjonijiet, deċiżjonijiet individwali vinkolanti dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-aċċess u s-sigurtà operazzjonali għall-infrastruttura transkonfinali, — tagħti pariri dwar diversi kwistjonijiet relatati mal-enerġija lill-istituzzjonijiet Ewropej, — timmonitorja u tirrapporta dwar żviluppi fis-swieq tal-enerġija, — tiformula proposta lill-Kummissjoni tal-UE dwar is-somma ta' kumpens annwali għall-infrastruttura transkonfinali għall-mekkaniżmu tal-ITC, — tipparteċipa fil-proċess għall-għażla ta' Proġetti ta' Interess Komuni (PCIs), inkluż billi toħroġ opinjonijiet dwar l-applikazzjoni konsistenti fir-rigward tal-kriterji tal-għażla u tal-analiżi tal-benefiċċji meta mqabbla mal-ispejjeż bejn reġjun u ieħor, u timmonitorja l-implimentazzjoni tal-PCIs,

	<ul style="list-style-type: none"> — tiegħu deċiżjonijiet dwar talbiet ta' investiment għall-PCIs, inklużi dwar l-allokazzjoni tal-ispejjeż transkonfinali, jekk l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti għall-enerġija ma jirnexxilhomx jilhq u ftehim, — timmonitorja n-negozjar fis-swieq tal-enerġija bl-ingrossa biex jinqabad u jiġi pprevenut l-abbuż tas-suq, b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għall-enerġija, l-ESMA, l-awtoritajiet finanzjarji kompetenti tal-Istati Membri u, fejn ikun xieraq, l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni, — tivvaluta l-operat u t-trasparenza ta' kategoriji differenti ta' swieq u modi ta' negozjar, — tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni fir-rigward tar-regoli tas-suq, ir-rekords tat-tranżazzjonijiet, l-ordnijiet għan-negozju, l-istandards u l-proċeduri li jistgħu jtejb u l-integrità tas-suq u l-funzjonament tas-suq intern.
<p>Governanza</p>	<p>Bord tal-Amministrazzjoni</p> <p><i>Kompożizzjoni:</i></p> <p>Żewġ membri maħtura mill-Parlament Ewropew, żewġ membri maħtura mill-Kummissjoni u ħames membri maħtura mill-Kunsill. Kull membru għandu membru supplenti.</p> <p><i>Kompiti:</i></p> <p>Il-Bord tal-Amministrazzjoni jadotta l-programm annwali u l-baġit tal-Aġenzija u jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom.</p> <p>Direttur</p> <p>Maħtur mill-Bord tal-Amministrazzjoni wara opinjoni favorevoli mill-Bord tar-Regolaturi u abbażi ta' lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni.</p> <p>Bord tar-Regolaturi</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>Rappreżentant għoli tal-awtoritajiet regolatorji minn kull Stat Membru u rappreżentant tal-Kummissjoni li ma jkollux dritt tal-vot. Kull membru għandu membru supplenti, nominat mill-awtorità regolatorja nazzjonali ta' kull Stat Membru.</p> <p><i>Kompiti:</i></p> <p>Il-Bord</p> <ul style="list-style-type: none"> — jipprovdi opinjonijiet lid-Direttur dwar ħafna mill-opinjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet li huma meqjusa għall-adozzjoni, — iservi ta' gwida lid-Direttur fit-twettiq tal-kompiti tiegħu, — jagħti opinjoni lill-Bord tal-Amministrazzjoni dwar il-kandidat li jkun se jinħatar bħala direttur, — japprova l-programm ta' ħidma tal-Aġenzija.

	<p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awtorità ta' Kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p>
<p>Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2014 (2013)</p>	<p>Baġit Finali 2014</p> <p>EUR 10,88 (11,9) miljun</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2014</p> <p>Postijiet elenkati fit-tabella tal-persunal: 54 (49)</p> <p>Postijiet okkupati fil-31 ta' Diċembru: 52 (49)</p> <p>Persunal ieħor: 18 (20)</p> <p>Total tal-persunal: 72 (69), li minnhom allokatu għal:</p> <ul style="list-style-type: none"> — kompiti operazzjonali: 48 (41) — kompiti amministrattivi: 24 (28)
<p>Prodotti u servizzi 2014</p>	<p>(a) Kodiċijiet tan-netwerk: Żewġ Opinjonijiet dwar il-Kodiċijiet tan-Netwerk (Elettriku: Kodiċi tan-Netwerk għall-Konnessjonijiet b'Kurrent Dirett ta' Voltaġġ Għoli u moduli ta' park tal-enerġija b'konnessjoni DC u Kodiċi tan-Netwerk għall-Ibbilanċjar tal-Elettriku). Tliet Rakkomandazzjonijiet dwar il-Kodiċijiet tan-Netwerk (Elettriku: Kodiċi tan-Netwerk għall-Allokazzjoni bil-Quddiem tal-Kapaċità u Kodiċi tan-Netwerk għall-HVDC u moduli ta' park tal-enerġija b'konnessjoni DC; u Gass: Kodiċi tan-Netwerk għar-Regoli dwar l-Interoperabbiltà u l-Iskambju tad-Data).</p> <p>(b) 19-il Opinjoni relatati mal-ENTSOs: Linja gwida tal-ENTSO-E għall-Analiżi tal-Ispejjeż imqabbla mal-Benefiċċji dwar il-Proġetti ta' Żvilupp tal-Grilja (CBA); Opinjoni dwar il-Prospettiva tal-Provvista għax-Xitwa 2013/14 tal-ENTSO; Opinjoni dwar il-Proposta għall-Operazzjoni tal-Pjattaforma Ċentrali ta' Trasparenza tal-Infurmazzjoni tal-ENTSO-E; Opinjoni dwar il-Metodoloġija tal-Analiżi tal-Ispejjeż imqabbla mal-Benefiċċji (CBA) tal-ENTSO; Opinjoni dwar ir-Rapport dwar il-Prospettiva tal-Provvista għax-Xitwa 2013/14 u l-Analiżi tas-Sajf 2013 tal-ENTSO-E; Opinjoni dwar l-Istatuti u r-Regoli ta' Proċedura abbażi tal-emendi proposti għall-Artikoli ta' Assoċjazzjoni tal-ENTSO; Opinjoni dwar il-Pjanijiet ta' Żvilupp tan-Netwerk Nazzjonali fuq perjodu ta' Għaxar snin (Pjanijiet Nazzjonali ta' Żvilupp tan-Netwerk għal Għaxar Snin) – (TYNDP); Opinjoni dwar il-Firxa Xierqa ta' Imposti fuq it-Trażmissjoni mħallsa mill-Produtturi tal-Elettriku; Opinjoni dwar ir-Rapport Annwali 2013 tal-ENTSO; Opinjoni dwar il-Pjan ta' Implimentazzjoni 2015-2017 tal-Pjan Direzzjonali 2013-2022 tal-ENTSO-E; Opinjoni dwar ir-Rapport Annwali 2013 tal-ENTSO-E; Opinjoni dwar il-Prospettiva tal-Provvista għas-Sajf 2014 tal-ENTSO; Opinjoni dwar ir-Rapport dwar il-Prospettiva tas-</p>

	<p>Sajf 2014 u l-Analiżi tax-Xitwa 2013/2014 tal-ENTSO-E; Opinjonijiet dwar l-Implimentazzjoni tal-Investimenti fin-Netwerks tat-Trażmissjoni tal-Elettriku; Opinjonijiet dwar l-Iskala ta' Klassifika tal-Inċidenti – Metodoloġija 2014 tal-ENTSO-E; Opinjonijiet dwar il-Programm ta' Ħidma Annwali 2015 tal-ENTSOG; Opinjonijiet dwar il-Prospettiva tal-Provvista għax-Xitwa 2014/15 tal-ENTSOG; Opinjonijiet dwar l-abbozz tal-Programm ta' Ħidma 2014 tal-ENTSO-E matul Diċembru 2015; Opinjonijiet dwar l-abbozz tas-SOAF (Prospettiva tax-Xenarju u Tassir tal-Adegwatezza) 2014-2030 tal-ENTSO-E.</p> <p>(c) Deċiżjoni waħda dwar it-talba ta' investiment inkluża l-allokazzjoni tal-ispejjeż transkonfinali għall-Proġett ta' Interess Komuni Nru 8.5 tal-Interkonnessjoni tal-Gass bejn il-Polonja u l-Litwanja (GIPL).</p> <p>(d) Dokumenti relatati mar-REMIT: Mekkaniżmi għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni; Manwali ta' Monitoraġġ tas-Suq; Rekwiżiti għar-reġistrazzjoni tal-Mekkaniżmi Reġistrati ta' Rappurtar (RRMs); Manwal tal-Utenti għar-Rappurtar tat-Tranżazzjonijiet; Manwal ta' Proċeduri, standards u formati elettroniċi għar-rappurtar tad-data; Lista ta' Postijiet tas-Swieq Organizzati.</p> <p>(e) Rapport Konġunt ta' Monitoraġġ tas-Suq ACER-CEER (l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 713/2009) maħruġ fit-22 ta' Ottubru; preżentazzjoni pubblika fi Brussell.</p> <p>(f) L-Analiżi (Annwali) tal-Istatus tal-Inizjattivi Reġjonali għall-2013 ġiet ippubblikata f'Jannar. Żewġ rapporti online dwar l-Inizjattivi Reġjonali tal-Gass (GRIs) u żewġ rapporti online dwar l-Inizjattivi Reġjonali tal-Elettriku (ERIs) ġew ippubblikati wkoll.</p> <p>(g) It-Tielet Konferenza Annwali "REMITage: The age of REMIT?" (REMITage: iż-żmien tar-REMIT?) f'Ljubljana fl-10 ta' Ġunju 2014, b'madwar 200 parteċipant, u pubblikazzjoni konkorrenti tat-tieni Rapport annwali tal-Aġenzija dwar ir-REMIT.</p>
--	---

Sors: Anness ipprovdut mill-Aġenzija.

IT-TWEĠIBA TAL-AĠENZJA

11. L-Aġenzja kienet talbet il-fondi neċessarji biex timplimenta REMIT fl-abbozz ta' baġit tagħha għall-2013, adottat mill-Bord Amministrattiv tagħha f'Marzu 2012. Madankollu, dawn il-fondi ma kinux assenjati inizjalment lill-Aġenzja fil-baġit tal-UE tal-2013 u saru disponibbli biss permezz ta' trasferiment ta' 2,989 miljun Euro minn DG ENER f'Ottubru 2013, li rriżulta f'emenda tal-baġit tal-Aġenzja fil-31 ta' Ottubru 2013. Minkejja din l-emenda tardiva, l-Aġenzja rnexxielha tagħmel impenn fir-rigward tal-kuntratti relatati ma' REMIT mogħtija. L-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni għal REMIT kienet mistennija għal Jannar iżda kienet mdewma sa Diċembru 2014 u l-Aġenzja kellha twaqqaf parti mill-proġett li setgħet tipprogressa biss għaladarba r-Regolament ta' Implimentazzjoni daħal fis-seħħ.

12. L-Aġenzja tinnota li n-natura pluriennali tal-proġett REMIT tista' ma tkunx kompatibbli mal-prinċipju ta' annwalità tal-baġit, speċjalment minħabba d-dewmien fid-disponibbiltà tal-fondi u fl-adozzjoni tal-Atti ta' Implimentazzjoni REMIT (ara hawn fuq).

F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Aġenzja għamlet l-almu tagħha biex tiżgura l-implimentazzjoni xierqa u effettiva ta' REMIT, billi kkommettiet l-baġit emendat li wasal qabel it-tmiem tas-sena 2013 għall-investment meħtieġ fl-infrastruttura li se tospita s-Sistema tal-Infurmazzjoni ta' REMIT tal-Aġenzja (ARIS) u t-tariffi għal-liċenzji operattivi, biex b'hekk tipprepara t-tnejja tal-operazzjonijiet għaladarba l-Atti ta' Implimentazzjoni daħlu fis-seħħ (mistennija fil-bidu tal-2014). L-Aġenzja qiegħda tuża approprjazzjonijiet mhux differenzjati għall-impenni u l-pagamenti tagħha, għaldaqstant l-approprjazzjonijiet tal-2013 li sar impenn għalihom setgħu jew jintużaw qabel it-tmiem tal-2014 jew jiġu kkanċellati.

Id-dewmien imsemmi hteġ li l-Aġenzja temenda xi kuntratti sabiex tipposponi l-konsenja tas-servizzi kuntrattati u mhux tikkancelja l-fondi li waslu permezz tal-emenda baġitarja tal-2013. Instab li l-użu ta' pagamenti ta' prefinanzjament akkumpanjati minn garanziji bankarji kien l-aħjar soluzzjoni biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni fil-futur ta' REMIT.

Fil-preżent l-Aġenzja qiegħda tanalizza l-possibbiltà li fil-futur tuża approprjazzjoni differenzjata sabiex timminimizza l-livell ta' riporti.

13. L-istabbiliment ta' Skola Ewropea ġewwa Ljubljana ġie diskuss diversi drabi mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u mal-Ministeru tal-Edukazzjoni. Riċentament l-Aġenzja għet infurmata li l-Gvern Sloven qiegħed jivvaluta l-emendi legali u l-arranġamenti meħtieġa sabiex tinstab is-soluzzjoni ottima. S'issa nġhatat edukazzjoni xierqa lit-tfal tal-persunal tal-Aġenzja permezz tal-istabbilimenti edukattivi pubbliċi u privati.